# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
*CITTÀ FERDINAND*

## MINUTI

## SEDUTA NRU 307 (B'urġenza) – L-Erbgħa 23 ta' Settembru, 2015

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-1.30p.m. Ippresieda s-Sindku, l-Avukat Dr Karol Aquilina.

### PREŻENTI
Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi Sindku Dr Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace

Uffiċjal: Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Paul Spiteri

### ASSENTI SKUŻATI
Il-Kunsillier Clayton Cutajar
Il-Kunsillier Dominic Grech

### ASSENTI
Il-Kunsillier Nicholas Cassar

### TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

### RIŻOLUZZJONI DWAR TNEĦĦIJA TA' ART FIS-SIĠĠIEWI MIL-LISTA TA' PROPRJETÀ SKEDATA

Is-Sindku qal li kien qed isejjaħ b'urġenza tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi llum l-Erbgħa 23 ta' Settembru 2015, bl-uniku punt fuq l-aġenda jkun id-deċiżjoni tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar it-tneħħija ta' parti minn proprjetà fis-Siġġiewi mil-lista ta' skedar.

Huwa kompla jgħid li peress li s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, is-Sur Nikol Baldacchino, jinsab imsiefer, talab lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, is-sur Carm Abela, biex jinħatar is-Sur Paul Spiteri, preżentament Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan, bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-sur Abela aċċetta t-talba tas-Sindku u ta l-awtorizazzjoni tiegħu lis-sur Spiteri.

Għalhekk, is-Sindku ressaq mozzjoni li taqra,

"Billi llum l-Erbgħa 23 ta' Settembru 2015 il-ġurnal The Times of Malta rrapporta li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u s-Segretarju Parlamentari Michael Falzon kienu ddeċiedew li jneħħu minn bħala Żona ta' Importanza Ekoloġika u żona ta' lqugħ (*Buffer zone*) ta' Livell 3 u Żona ta' Sbuħija Naturali, sit magħruf bħala Ta' Dmejrek viċin iz-zona magħrufa bħala Ta' Żuta u li jinsab fil-konfini tal-lokalità tas-Siġġiewi;

"U billi jirriżulta fir-rigward tal-istess hemm pendenti quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar l-appell bin-numru ta' referenza 189/2011 rigward l-applikazzjoni bin-numru ta' referenza PA/02057/08 u bid-deskrizzjoni "*Construction of batching plant*" liema applikazzjoni tirreferi għal deskritt fl-imsemmija applikazzjoni bħala "*Site at Quarry No. 31, Ta` Dmejrek, Triq Ta' Dmejrek, Siġġiewi*";

"U billi l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi fl-ebda stadju ma' ġie kkonsultat jew tal-inqas infurmat la mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u wisq anqas mis-Segretarju Parlamentari Michael Falzon dwar l-imsemmija deċiżjoni;

"U billi huwa obbligu tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li tikkonsulta mal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi qabel ma tieħu kwalunkwe deċiżjoni li direttament jew indirettament jolqtu lill-lokalità tas-Siġġiewi;

"U billi huwa ċar li ma teżisti l-ebda raġuni valida sabiex l-imsemmija art titneħħa minn bħala Żona ta' Importanza Ekoloġika u żona ta' lqugħ (*Buffer zone*) ta' Livell 3 u Żona ta' Sbuħija Naturali;

"U billi l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi jqis u jemmen li d-deċiżjoni tal-Awtorità tmur kontra l-interessi tal-lokalità tas-Siġġiewi;

"U billi s-Segretarju Parlamenti aċċetta li din l-imsemmija proprjetà tiġi mneħħija mil-lista tal- iskedar nhar l-20 ta' Awwissu 2015, ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern nhar il-Ġimgħa li għadda 18 ta' Settembru 2015 u t-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar ser jisma' s-sottomissjonijiet finali għada l-Ħamis 24 ta' Settembru 2015 u ċjoè 6 ijiem biss wara li d- deċiżjoni ġiet ippubblikata;

"U billi l-Artikolu 81 (11) tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilipp (Kap. 504 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi li kull min iħossu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorità taħt l-artikolu 81 jista' jappella lit-Tribunal għar-revoka jew għat-tibdil ta' dik id-deċiżjoni.

"Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi mlaqqa' b'urġenza llum l-Erbgħa 23 ta' Settembru 2015:

1. Jirriżolvi li jħossu aggravat bid-deċiżjoni tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u li ġiet aċċettata mis-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva, li permezz tagħha neħħiet mil-Lista ta' Proprjetà Skedata parti mis-sit li għalih jirreferi l-appell bin-numru ta' referenza 189/2011 rigward l-applikazzjoni bin- numru ta' referenza PA/02057/08;

2. Jirriżolvi li jeżerċita d-dritt mogħti lilu bis-saħħa tal-Artikolu 81 (11) tal-Att dwar l- Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilipp (Kap. 504 tal-Liġijiet ta' Malta) u jippreżenta appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar għar-revoka tal-imsemmija deċiżjoni tal-Awtorità;

3. Jirriżolvi li jitlob u jieħu dawk il-miżuri kollha meħtieġa sabiex t-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar ma jkomplix jisma' u jiddeċiedi l-appell bin-numru ta' referenza 189/2011 rigward l-applikazzjoni bin-numru ta' referenza PA/02057/08 jekk mhux qabel li tkun ittieħdet deċiżjoni mill-istess Tribunal dwar l-appell li bis-saħħa ta' din ir- riżoluzzjoni l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ddeċieda li jippreżenta għar-revoka tal-imsemmija deċiżjoni tal-Awtorità;

4. Jirriżolvi illi jitlob laqgħa urġenti mas-Segretarju Parlamentari Michael Falzon, biex iwassal direttament lilu l-oġġezzjonijiet tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi għad-deċiżjoni meħuda mill-Awtorità u aċċettata mill-istess Segretarju Parlamentari.

"Kopja ta' din ir-riżoluzzjoni kif approvata għandha tintbagħat lill-Prim Ministru – l-Onor. Dott. Joseph Muscat, lill-Ministru responsabbli mill-Ambjent – l-Onor. Leo Brincat, lis-Segretarju Parlamentari – l-Onor. Michael Falzon, lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, lill-Membri Parlamentari kollha eletti mid-distrett li minnu jifforma parti s- Siġġiewi, lill-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar fi ħdan l-Uffiċċju tal-Ombudsman, lill-Kunsill Lokali ta' Ħad-Dingli, lill-għaqdiet kollha non-governattivi li għandhom bħala għan tagħhom il-ħarsien tal-ambjent kemm dawk imwaqqfa fuq bażi lokali kif ukoll dawk imwaqqfa fuq bażi nazzjonali, kif ukoll tiġi ppubblikata bħala stqarrija għall-mezzi tax- xandir."

Il-Viċi-Sindku issekondat.
Wara diskussjoni dwar il-mozzjoni, il-kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu.

## GHELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fis-1.50pm.

**L-Avukat Dr Karol Aquilina**
**Sindku**

**Is-Sur Paul Spiteri**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**Konfermati llum l-Erbgħa, 30 ta' Settembru, 2015**